**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġuże' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/09(30_09_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-5.45 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-28 ta' Settembru 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Attivita' Kulturali fil-Munxar.
6. Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' apparat għall-*Playing Field*.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Mario de Marco, Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu u l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward l-attivita' 'Festa tal-Bnadar'.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni, Skema *Energy Saving*, Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward l-għajnuna finanzjarja allokata għall-proġett indikat fl-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Munxar.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, G.M. Productions rigward it-42 edizzjoni ta' 'Miss Gozo Presentation Show' u l-'One Day Tour of Gozo'.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-16 ta' Lulju 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Programm tal-Laqgħa għall-Kunsilliera Kollha tal-5 ta' Settembru 2009, il-Minuti tal-Assemblea Plenarja ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-25 t' Ottubru 2008 u r-Rapport Amministrattiv 2007-2008 – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – 25 t' Ottubru 2008.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Contract Manager tal-Kumitat Konġunt tad-Dwal tat-Toroq, Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. rigward il-*feedback* li rċevew dwar it-*tender document* propost.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03047/09 – *Proposed penthouse over approved permit PA2419/07* fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq il-Qroll, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment, Gvern Lokali rigward 'Premju Lokalitajiet Indaf'.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Director Corporate Services, MEPA l-iStatement of Funds sa l-aħħar ta' Lulju 2009 fir-rigward tal-fondi amministrati mill-MEPA.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunita' formola għan-nominazzjoni għall-Premju 'Anzjan tas-Sena 2009'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Senior Pharmacy Technician, MSOC-HECC rigward l-'Influenza Vaccine Campaign 2009'.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni, Skema Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-fondi allokati għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali li ser jibbenefika minnhom il-Kunsill Lokali Munxar.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward 'Koperazzjoni ma' Kumpaniji għall-Ġbid ta' *Films*'.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali rigward 'Elezzjoni Biex Jinħatar Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-28 t' Awwissu 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Supervisor, Transport Section, Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Għawdex rigward it-trasport tat-tfal organizzat mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni għall-istudenti ta' l-iskejjel Sekondarji b' anness il-lista bil-ħinijiet għas-sena 2009/2010.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03643/09 – *Addition of dwelling unit at first floor. Minor alterations* fi Triq l-10 ta' Frar kantuniera ma' Triq l-Isqawi, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 51/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Proċedura għall-Elezzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward proposta miċ-Ċentru Kulturali Russu f' Malta sabiex numru ta' korijiet u orkestra li ser ikunu hawn f' Malta bejn l-10 u d-19 t' Ottubru 2009, jagħmlu kunċerti fil-lokalitajiet matul dawn il-ġranet.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Management Development Training, Staff Development Organisation, Centre for Policy Research and Training, Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Training Programmes for Local Councils fejn tħabbar li ser isiru *Leadership Workshops* għas-Sindki, Viċi-Sindki u Segretarji Eżekuttivi.

2.21 Il-Kunsill irċieva Memo 53/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali - Programm fl-Education 22 u TVM'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-Malta Council for Economic Development (M.C.E.S.D.) għal Għawdex.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President, Kumitat Olimpiku Malti rigward il-'Malta Olympic Committee (M.O.C.) Sports Awards'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Mons. Anton Saliba rigward il-Wirja ta' kitbietu li ser tiġi organizzata bejn l-10 u l-24 t' Ottubru 2009. Mons. Saliba qed jitlob lill-Kunsill sabiex iqassam *flyer* rigward l-istess Wirja fid-djar tal-lokalita'. Kien hemm qbil dwar dan.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumpanija OPAL (Outdoor Play and Leisure) rigward is-sejħa għall-offerti PFE/01/2009 - *Supply and fix of Playing Field Equipment*. Huwa qed jilmenta għall-fatt li huwa ma ntalabx sabiex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-offerta tiegħu. Il-Kunsill ma talabx li jiltaqa' miegħu minħabba l-prezz u l-materjal ta' l-apparat.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Munxar Falcons F.C. fejn qegħdin jirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali talli kull staġun qed iħallas it-trasport li qed jikru sabiex ikunu jistgħu jwasslu t-tfal tan-*Nursery* f' diversi grawnds għal-logħob. Huma qed jerġgħu jitolbu l-ħlas għal dan is-servizz għall-istaġun 2009/2010. Kien hemm qbil dwar dan.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Superjur tal-MUSEUM Sannat fejn qed jirringrazzja lill-Kunsill għall-għotja ġeneruża ta' €350.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Mrs. Miriam Christine Warner f' isem Francesca u Michaela li ser jirrappreżentaw lill-Malta u Għawdex fil-Junior Eurovision Song Contest li ser isir fi Kiev, Ukraina fil-21 ta' Novembru 2009. Francesca li għandha erbatax-il sena hija mill-Fontana filwaqt li Michaela li għandha għaxar snin hija mill-Munxar. Bħalissa qed isiru l-preparamenti għal dan l-avveniment importanti u peress li din l-avventura tinvolvi spejjeż kbar, qed issir talba possibilment finanzjarja mill-Kunsill. Ġie deċiż li s-Sindku jikkonsulta mal-Kunsill Lokali Fontana sabiex possibilment iż-żewġ Kunsilli jagħtu l-istess.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fix-Xlendi. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jerġa' jnaddaf dik il-parti ta' Triq il-Kantra mit-terrapien li reġa' ntefa'. Din il-persuna ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li Kuntratturi qed jiddampjaw sement ħażin f' dan il-post ukoll. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel rapport lill-Pulizija.

Il-ħin kien is-6.45 ta' filgħaxija u s-Sur Mario Camilleri talab ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 08/09(30_09_09).

**5.00 Attivita' Kulturali fil-Munxar.**

5.01 Is-Sinjura Carmen Said informat lill-Kunsill li mill-gazzetta saret taf li fil-ġranet 16, 17, u 18 t' Ottubru 2009, il-Banda San Girgor ta' Kerċem ser torganizza Attivita' bl-isem Festubru bil-koperazzjoni tat-Taqsima tal-Kultura u l-Ministeru għal Għawdex u t-tema ser tkun l-istess bħal tal-Munxar jiġifieri fuq tradizzjonijiet. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jipprotesta għar-raġuni li l-Kunsill tagħna flimkien mat-Taqsima tal-Kultura, kien ilu żmien ibbukkjat bid-data, għalhekk ma kellu jkun hemm l-ebda attivita' oħra ma' l-attivita' tagħna. Sar qbil li tinkiteb ittra lill-Uffiċjal Inkarigat mill-Kultura.

5.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-isem u ġie ssuġġerit 'L-Għanċija…dari u llum'. Is-Sindku għandu jiċċekkja dwar il-kelma Għanċija.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Mario Camilleri wasal u kompla fil-laqgħa.

5.03 Il-Kunsill beda jagħti r-rendikont ta' kemm huwa stmat li ser jiswew l-attivitajiet li ser isiru bejn is-16 u t-18 t' Ottubru 2009.
Trasport tal-Wirja mill-Italja - €241 u jekk ser tintbagħat lura mill-Kunsill Lokali Munxar ser tiswa €281.
*Stands* għall-Wirja - €531.
Żewġt iljieli Lukanda għal żewġ persuni. Ser isir tentativ biex jingħataw *sponsor* mil-Lukanda.
Big Band Brothers - €1,700, Logħob tan-Nar ta' l-Ajru għall-Ġimgħa, 16 t' Ottubru 2009 - €960, siġġijiet - €70 u dawl - €250.
Għall-ġurnata tas-Sibt, 17 t' Ottubru 2009: Versatile Band - €2,016, sitt gruppi *Folk* bi €70 kull grupp, Logħob tan-Nar ta' l-Art - €4,700, *Insurance* - €416, kiri ta' 12-il Gazebo - €600, *stands* tas-Snajja l-Kunsill ser iħallas €100 għal kull *stand* tas-Snajja u huwa ppjanat li jkun hemm 15-il *stand*.
Għall-ġurnata tal-Ħadd, 18 t' Ottubru 2009 il-Kunsill ser iħallas il-vapur għall-Wirja tal-Muturi u Vetturi Antiki u pizza u *drink*. Il-Kunsill ser jagħti *trophies* lir-rebbieħa tal-Wirja ta' l-Annimali. Biex jipparteċipaw il-miżata ser tkun żwiemel - €5 u annimali oħra - €2. Quddiesa bl-Għana - €583, kiri ta' sala għall-Wirja - €400 u armar tat-toroq - €350.

Il-ħin kien it-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla fil-5 t' Ottubru 2009, fil-5.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet fil-5 t' Ottubru 2009, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

5.04 Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jiġi diskuss l-isem ta' l-attivita'. Ġie deċiż li l-attivita' tissemma Xelandion.

5.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Gozo Cottage talab sabiex jagħmel *stand* u żewġ persuni oħra ser jagħmlu *stand* dwar arkitettura u ganutell. Is-Sinjura Haber talbet sabiex titħallas għall-i*stand* tat-tafal €150 minflok €100 peress li ser iġġib żewġ ħaddiema u ser tagħti xi tafal b' xejn lit-tfal.

5.06 Logħob tan-Nar ta' l-Art ser ikun hemm żewġt irdieden bl-ingranaġġi mill-Kamra tan-Nar ta' Ħal Għaxaq, żewġt irdieden bl-ingranaġġi mill-Kamra tan-Nar ta' Ħaż-Żebbuġ, żewġt irdieden bl-ingranaġġi mill-Kamra tan-Nar tal-Mosta u raddiena bl-ingranaġġi mill-Kamra tan-Nar t' Għawdex. Kull raddiena bl-ingranaġġi ser tiswa €465. Il-Kamra tan-Nar tal-Mosta u t' Għawdex ser jagħmlu raddiena mingħajr ingranaġġi.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla fit-8 t' Ottubru 2009, fil-5.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet fit-8 t' Ottubru 2009, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

5.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kelma Xelandion m'hijiex kelma Maltija u għalhekk ikun aħjar li kieku l-Kunsill jagħti isem ieħor għal din l-attivita'. Ġie deċiż li l-attivita' tissemma 'Eku mill-Munxar…dari u llum'.

Il-*Bar* li ser jinfetaħ waqt l-attivita' ser jitmexxa mill-Kappillan u l-armar tal-festa ser jintrama minn quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali sal-Pjazza għall-prezz ta' €466.

5.08 Il-Programm ser ikun hekk:

Ġimgħa, 16 t' Ottubru 2009 - XLENDI
Kunċert mill-Big Band Brothers.
Spettaklu ta' Nar ta' l-Ajru.
Ftuħ tal-Wirja dwar il-Ħajja ta' San Pawl mill-Artist Taljan Sergio Favotto fiċ-Ċentru Parrokkjali, Munxar.

Sibt, 17 t' Ottubru 2009 - PJAZZA TAL-KNISJA, MUNXAR
*Stands* bi Snajja Tradizzjonali u Ikel Tipiku Malti.
Spettaklu ta' Żfin minn Diversi Gruppi Folkloristiċi Għawdxin:

- Ta' Ċangura Folk Group ta' San Lawrenz.
- Astra Folk Group.
- Menhir Qala Folk Group.
- Imnarja Folk Group.
- Sinnet Folk Group ta' Sannat.
- Aurora Folk Group.

Kunċert mill-Bessel Big Band mill-Ġermanja.
Kunċert mill-Grupp Taljan Amanita.
Kunċert mill-Versatile Band.
Spettaklu ta' Nar ta' l-Art minn Kmamar ta' Malta u Għawdex.

Ħadd, 18 t' Ottubru 2009 - PJAZZA TAL-KNISJA, MUNXAR
Wirja ta' l-Annimali.
Wirja ta' Vetturi Antiki.
Wirja ta' Muturi Klassiċi u ta' l-Epoka.
Quddiesa bl-Għana fil-Knisja San Pawl Nawfragu, Munxar

Ftuħ ta':

Il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi ser tkun miftuħa għall-Pubbliku

- Ġimgħa, 16 t' Ottubru 2009 mis-6.00pm sat-8.00pm
- Sibt, 17 t' Ottubru 2009 mill-10.00am sat-3.00pm
- Ħadd, 18 t' Ottubru 2009 mill-10.00am sat-3.00pm

Wirja dwar il-Ħajja ta' San Pawl mill-Artist Taljan Sergio Favotto fiċ-Ċentru Parrokkjali, Munxar

- Ġimgħa, 16 t' Ottubru 2009 mis-7.00pm sad-9.00pm
- Sibt, 17 t' Ottubru 2009 mill-10.00am san-12.30pm
  u mis-7.00pm sal-11.00pm
- Ħadd, 18 t' Ottubru 2009 mid-9.00am san-12.30pm

**6.00 Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' apparat għall-*Playing Field*.**

6.01 Din l-offerta kienet maqsuma f' erba' partijiet:
L-ewwel parti – Outside Fitness Equipment.
It-tieni parti – Playing Field Equipment.
It-tielet parti – Safety Rubber.
Ir-raba' parti – Gazebo.

Fid-19 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill ippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-24 ta' Ġunju 2009, fil-Malta Independent.

L-offerta għalqet u nfetħet fit-28 ta' Lulju 2009 u nstabu sitt offerti:

(1) OPAL (Outdoor Play and Leisure)
(2) M-Quip Co. Ltd.
(3) Joseph Attard
(4) De Valier Company Limited
(5) JGC Ltd.
(6) Mario Mallia

Il-membri kollha tal-Kunsill inħatru membri tal-Kumitat ta' l-Għażla.

Din l-offerta ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill numru 07/09(19_08_09). F' din il-laqgħa t-*Tenderers* OPAL (Outdoor Play and Leisure) u M-Quip Co. Ltd. ġew eliminati minħabba li offrew prezzijiet għoljin u mhux skont l-ispeċifikazzjonijiet. It-*Tenderer* Joseph Attard għamel l-orħos offerta għall-Gazebo. F' din il-laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill ikellem lit-tliet *Tenderers* u jiġu mistoqsijin l-istess mistoqsijiet li jkunu diċiżi minn qabel. It-*Tenderers* Mario Mallia u JGC Ltd. ser jiġu mistoqsijin dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet parti, filwaqt li t-*Tenderer* De Valier Company Limited ser jiġi mistoqsi dwar l-ewwel parti biss.

Fil-laqgħa li saret fl-1 ta' Settembru 2009, it-*Tenderer* De Valier Company Limited informa lill-Kunsill li m'huwiex interessat li jissupplixxi għall-ewwel parti biss u għalhekk huwa rtira l-offerta tiegħu.

Din l-offerta ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill numru 08/09(30_09_09) li kienet maqsuma fi tliet laqgħat bl-ewwel waħda tkun fit-30 ta' Settembru 2009, it-tieni fil-5 t' Ottubru 2009 u l-aħħar waħda fit-8 t' Ottubru 2009.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tat-8 t' Ottubru 2009, ġie deċiż li din l-offerta tingħata hekk:

Joseph Attard: Ir-Raba' Parti – Gazebo għall-ammont ta' €4540.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

JGC Ltd.:

i. Swing - Option 1 ta' €1,150.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.
ii. 2 Springs - RO-23202 u RO-23106 ammont totali ta' €750.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.
iii. Outside Fitness Equipment Option 2 ta' €13,945.00 peress li l-kwalita' tagħha hija l-aħjar u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

**Ammont Totali:** €15,845.00

Mario Mallia:

i. Merry Go Round - Option A ta' €1,250.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.
ii. Multi Activity Play Centre - Option A ta' €8,000.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.
iii. Safety Rubber ta' €8,603.00 peress li kienet l-orħos offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

**Ammont Totali:** €17,853.00

## 7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-IPSL kienu qed jagħmlu bankina fil-*Parking* tax-Xlendi. Il-ħaddiem assenjat mill-Employment and Training Corporation (E.T.C.) fl-iskema Xogħol fil-Komunita' qed jagħmel xogħol ta' żebgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-passaġġ ta' Triq San Pawl u rampa fil-Wied tax-Xlendi kienu saru bil-*concrete*.

7.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed joqrob iż-żmien li jsiru t-turġien tal-*Playing Field* u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi b' liema materjal ser isiru. Ġie deċiż li dawn isiru bl-irħam u possibilment ikun *hammered*.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li l-Kunsill qed jieħu sehem fil-kompetizzjoni dwar Ambjent Aktar Nadif, irid jorganizza attivita' dwar tindif fil-Munxar. Jekk din l-attivita' ma ssirx, il-Kunsill jitlef xi marki.

8.02 Il-Kunsill ġie informat mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Dr. Chris Said li fil-31 t' Ottubru 2009 kien ser isir Clean Up The Seas fix-Xlendi. Il-Kunsill qed ikun mitlub li jipprovdi *skip* sabiex jitpoġġa l-materjal li jittella' mill-baħar.

8.03 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa tal-Malta Council for Economic Development (M.C.E.S.D.) li saret f' Għawdex.

8.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa s-Sibt, 19 ta' Settembru 2009 ma' rappreżentanti ta' Din l-Art Ħelwa rigward it-Torri tax-Xlendi. F' din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur Martin Galea, Ms Carolyn Clements u s-Sur Martin Portelli minn-naħa ta' Din l-Art Ħelwa u s-Sindku u s-Sur Patrick Grima minn-naħa tal-Kunsill. F' din il-laqgħa ġie diskuss u qed jiġi propost li t-Torri tax-Xlendi jitmexxa minn Kumitat b' ħames membri, żewġ membri jinħatru minn Din l-Art Ħelwa, żewġ membri oħra jinħatru mill-Kunsill Lokali u *Chairman* tkun persuna indipendenti u qed ikun propost li jkun is-Sur Joseph Calleja. Qed ikun propost ukoll li l-Perit Ivana Farrugia tieħu ħsieb ir-restawr tal-post. Hija ġiet ikkuntatjata u aċċettat. Qed ikun propost ukoll li kull parti toħroġ is-somma ta' €2,000 sabiex jinbeda x-xogħol.

8.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-dokumenti ta' l-Applikazzjoni 323 huma lesti. Huwa semma wkoll li s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor Dr. Chris Said għamillu proposta li jekk il-Kunsill jippreżenta pjanti ta' *embellishment* tal-post fejn jinżammu d-dgħajjes fix-Xlendi, huwa lest li jiffinanzja x-xogħlijiet. Ġie deċiż li l-Kunsill javviċina lis-Sur John Grima sabiex jagħmel proposti ta' *embellishment* tal-post.

8.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tkellem mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Fontana rigward it-talba li saret minn Mrs. Miriam Christine Warner u informah li l-Kunsill Lokali Fontana ser jagħti s-somma ta' €233.
Ġie deċiż li l-Kunsill Lokali Munxar jagħti s-somma ta' €233 u l-Kunsill irid jiġi provdut b' irċevuta fiskali. Ix-xewqa tal-Kunsill hija wkoll li l-*farewell party* isir fil-Munxar.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għada ma bagħtetx l-approvazzjoni tal-bankini l-ġodda li saru mill-Kunsill f' dawn l-aħħar sentejn. Il-Kunsill qed jieħu ħsieb sabiex l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta tibgħat l-approvazzjoni.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet dalwaqt toħroġ it-*Tender* għal *Patching* u *Tender* oħra għall-provista u stallazzjoni ta' lampi fix-Xlendi. Il-valur tat-*Tender* għall-provista u stallazzjoni ta' lampi fix-Xlendi ser jitħallas mill-MEPA mill-Urban Improvement Fund (U.I.F.).

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Saviour Spiteri staqsa jekk huwiex possibbli li qabel l-attivita' li ser issir mis-16 sat-18 t' Ottubru 2009, jinżebgħu l-bankijiet. Il-Kunsill kien ser jikkonsidra jekk dan ix-xogħol jistax isir mill-ħaddiema ta' l-IPSL. Huwa staqsa wkoll f' hiex wasal dak il-ftehim li kien ser isir mal-Kurja għat-tmexxija tal-grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku informah li għadhom għaddejjin bit-taħditiet u ser issir laqgħa ma' l-Isqof.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
*Sindku.*

**Anthony Grech**
*Segretarju Eżekuttiv.*